**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 1 ta' Novembru, 2022**

**Il-Pulizija**
**Spettur Saviour Baldacchino**

**vs**

**Jonathan Sant**
(K.I. 449685M)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Jonathan Sant** li ġie akkużat talli:

1. Kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LLD skont digriet maħruġ nhar 26/02/2018 ai Termini tal-Artikolu 412A Tal- Kodiċi Kriminali, u

2. Talli, permezz ta sentenzi mgħotija lilhu, sar reċidiv skond Artikoli 49 u 50 tal- Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-

ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib illi l-istess imputazzjonijiet ġew ippruvati skont il-liġi.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat għandu proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu, f'liema proċeduri huwa ntrabat li jiffirma l-Għassa tal-Mosta kull nhar ta' Ġimgħa. Jirriżulta li minn Awwissu 2021 'l hawn huwa qatt ma onora din il-kundizzjoni biex b'hekk huwa ma ġiex notifikat biex jidher għall-proċeduri li hemm pendenti fil-konfront tiegħu. Dan naturalment huwa ta' ntralċ għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Madanakollu l-Qorti ai fini ta' piena ħadet in konsiderazzjoni illi fis-seduta tal-lum l-imputat obbliga ruħu li jerġa' jibda jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Mosta kif ordnat jagħmel ai termini tal-Ordni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta' digriet datat 26 ta' Frar 2018 u wkoll illi l-imputat ammetta mal-ewwel okkażjoni li kellu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 412A u 579 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Jonathan Sant** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) filwaqt li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf ewro (€1000) mill-ammont ta' garanzija personali ai termini tad-digriet tas-26 ta' Frar 2018.

**Dr. Charmaine Galea**

**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**